MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 195/2002/1

**J & R Vassallo Limited**

**vs**

**World Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf disa' mija u sebgha u erbghin Liri Maltin u sittin centezmu (LM1947.60,0) rapprezentanti dazju mhallas, spejjez u xoghol ta' garr u hatt ta' containers.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Frar tas-sena 2002 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment. U bl-interessi.**

**Il-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta’ Frar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------